MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Numru. 680/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Andrew Avellino**
**Domenico Gatt**

**Illum, 19 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Andrew Avellino** ta' 37 sena mwieled San Giljan nhar l-4 ta' Settembru, 1975, bin Lawrence u Maria Dolores k/a Dorothy nee' Doublet u residenti fil-fond Gronet Court, Flat 5, Triq l-Aurora Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 401175(M); u

**Domenico Gatt** ta' 58 sena, imwieled Msida nhar is-16 t' Awwissu 1954 bin Joseph u Vincenza nee' Catania u residenti 190 'Mardom' Triq Nazju Ellul Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 626054(M);

Akkuzati talli nhar it-18 ta' Lulju 2013 ghall-habta tal-16:00Hrs u fil-hinijiet ta' qabel fl-istess gurnata u fi snin u x-xhur ta' qabel din id-data, minn Coleiro General Supplies, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara kkommettew serq ta' materjal ta' zebgha u xi oggetti ohra liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Coleiro General Supplies Ltd, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

Rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati, il-fedina penali taghhom, il-koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn l-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom tikkundannahom sena (1) prigunerija li

b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tigi sospieza ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------